**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 7 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Raymond Aquilina)**

**Vs**

**Grace Gatt**

**Kump Nru 137/2009**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata **Grace Gatt**, detentrici tal-karta tal-identita, bin-numru **34568G**;

Giet akkuzata talli fix-xahar ta` Novembru 2007 u fix-xhur precedenti, f'dawn il-Gzejjer jew/u f'xi bnadijiet ohra f'Malta f'hinijiet differenti, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Bil-qerq hloqt jew geghelt li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

2. Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, hdimt bhala agenzija ta' gwardjani privati jew gwardjan privat jew hekk offrejt is-servizzi tieghek minghajr licenzja skond il-ligi;

3. Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, assocjajt ruhek ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta u cioe ma Jonathan Mulligan bil-ghan li taghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

4. Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, ezercitajt funzjoni pubblika minghajr ma kellek jedd ghaliha u ezercitajt xi att ta' dik il-funzjoni u cioe ippuzajt bhala rapprezentant ta' l-Awtorita tad-Djar;

5. Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, minn barra mill-kazijiet imsemmijin espressament fil-Kodici Kriminali jew f'xi ligi ohra ghamilt xi haga minghajr licenzja ta' awtorita kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;

6. Kif ukoll fl-istess zminijiet u cirkustanzi, irrendejt ruhhek komplici flimkien ma Jonathan Mulligan fejn xewwixt jew inkella sahhejt il-volonta ta' Jonathan Mulligan sabiex jaghmel delitt jew weghedet li wara l-fatt kont ser tassistih jew tieqaf mieghu;

F'kaz ta' sejbien ta' htija l-Onorabbli Qorti hija mitluba li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-tahsir jew l-iskwalifika milli zzomm jew tikseb xi licenzja jew permess jew awtorità ohra mahruga mill-Gvern jew xi awtorità pubblika ohra biex il-persuna misjuba hekk hatja tkun tista tezercita l-funzjoni ta' gwardjan privat jew Agenzija li tipprovdi s-servizzi ta' gwardjani privati jew lokali.

Tirrileva illi dawn l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-14 ta' Dicembru 2012 (ara *folio* 259) u l-kunsens ta` l-imputata sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara verbal tas-seduta tat-22/05/2018 a folio 428);

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet, tal-prosekuzzjoni a folio 439, u tad-difiza a folio 446;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta` Jannar 2020 fejn il-Qorti kienet halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta` ostakolu;

**Ikkunsidrat**;

Illi fil-qosor, dak li rrizulta f'dan il-kaz kien is-segwenti.

Xehed l-Ispettur Raymond Aquilina fis-6 ta' April 2009 (ara folio 8 et seq) u stqarr illi fil-15 ta' Novembru 2007 kien ircieva telefonata minn certu ex pulizija Grace Gatt li spjegat li kienet qed titkellem ghan-nom ta' Jonathan Mulligan li huwa private investigator u li ghandu kumpanija li jisimha Malta Personal Services Ltd. Spjegatlu li kellha f'idejha tlett affidavits maghmulin minn Shawn Mamo minuri ta' 15 il-sena, Dylan Mamo li kien ghadu minuri u Mandy Mifsud minuri ta' 16 il-sena. Kienet spjegat li l-informazzjoni li hemm f'dawn l-affidavits jikkoncernaw il-kawza li ghaddejja quddiem Qorti diversament preseduta, "Pulizija v. Jason Mamo" fejn dawn iz-zewg minuri Shawn Mamo u Dylan Mamo sostnew li kienu huma li baghbsu lil vittma Tecoda Mamo, minuri ta' 9 snin u ma kienx Jason Mamo li abbuza sesswalment mill-istess minuri li tigi t-tifla tieghu. Illi in vista tal-fatt li l-investigazzjoni li kienet ghaddejja kienet iktar serja, spjega li ma kienx possibbli li jisma jew jibda xi investigazzjoni fuq it-tlett affidavits u kien qalilha sabiex jaghmlu appuntament ulterjuri fil-gimgha ta wara. L-ghada, Mandy Mifsud marret tirraporta l-Ghassa ta' Hal-Qormi li giet abbuzata u stuprata minn Dylan Mamo u kienet assistita minn Jonathan Mulligan li kien ghadda wkoll iz-zewg affidavits ta' Shawn Mamo u ta' Dylan Mamo lill-Ispettur Jesmond J Borg ta' Haz-Zebbug. Kien gie mghoddi wkoll l-affidavit ta' Mandy Mifsud pero skond ix-xhud ommha kienet irrinunzjat milli tkompli bl-azzjoni taghha.

Irrizulta li l-ghada l-ispettur Jesmond J Borg ghadda l-istess affidavits lix-xhud sabiex jaraw jekk hemmx xi azzjoni kriminali li tista tinbeda rigwardanti l-istess affidavits. Illi rrizulta li fl-24 ta' Novembru 2007 gara illi fuq il-gazzetta Maltastar.com hareg artiloku intitolat "*Father Jailed for sexual abused children. Brother and nephew swear they did it*". Sussegwentement giet ipprezentata nota bl-artikolu anness quddiem il-magistrat Dr. J Padovani Grima li kienet qed tippresjedi il-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Jason Mamo". Li gara huwa li gew rraportati fatti li kienu mehuda minn xhieda li kienet diga ttiehdet mill-Magistrat Padovani Grima liema kawza kienet qed tinstema bil-maghluq.

Sussegwentement ix-xhud kien baghat ghal Dylan Mamo sabiex ikellmu fir-rigward tal-affidavit li gie mghoddi lilu mill-ispettur Jesmond J Borg mghoddi minn Jonathan Mulligan. Dylan Mamo irrilaxxja erbgha stqarrijiet fejn biddel il-verzjoni pero sostna li l-affidavit u cioe il-kontenut kien tieghu izda l-wording mhux tieghu. Sostna wkoll li

kienet ittiehditlu l-verzjoni tieghu gewwa l-ufficju ta' Grace Gatt gewwa in-Naxxar u li kien gie recorded waqt li kienet qed tittiehed il-verzjoni tieghu. Spjega wkoll li Jonathan Mulligan hadu ghand Grace Gatt in-Naxxar u prezenti kien hemm Dr Juliette Galea, l-avukata ta' Jason Mamo li kienet qed tassistih fil-kawza ta' quddiem il-Magistrat Padovani Grima.

Ix-xhud kompla jispjega kif kellem lil Vanessa li tigi omm Shawn Alfred Mamo u spjegat li hi kienet giet imqabbda minn huha Jason Mamo li dak iz-zmien kien il-habs taht arrest preventiv. Spjegat wkoll li kienet hadet lil Shawn Alfred Mamo gewwa l-ufficini ta' Grace Gatt u meta Shawn Alfred Mamo kien qed jigi recorded, waqt ir-recording giet mitluba tohrog il-barra, minn Grace Gatt u l-avukata ta' Jason Mamo. Spjega wkoll li Vanessa sostniet li hallset Lm750 lil Grace Gatt ghal dak ix-xoghol. Minn hemmhekk sussegwentement talab ghall-hrug ta' mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront ta' Grace Gatt u Jonathan Mulligan.

Miz-zewg tfittxijiet li saru, kemm ghand Grace Gatt kif wkoll ghand Jonathan Mulligan gew elevati diversi kompjuters, dokumenti, u kull haga relatata ma investigazzjoni privata. Il-kompjuters, CDs u DVDs kienu nghataw lis-Cyber Crime Unit minn naha tal-pulizija biex isiru l-analizi fuqhom.

Jinghad li Jonathan Mulligan kien irrilaxxja zewg stqarrijiet datati 28 u 30 ta' Novembru 2009. Kien spjega li ghandu kumpanija tal-private investigators bl-isem ta' Malta Personal Services Ltd li hija licenzjata u kien jimpjega lil Grace Gatt. Gara illi Jonathan Mulligan sostna li kien gie mqabbad minn Vanessa Mamo biex ikun jista jaghmel indagini fuq il-kawza li hemm ghaddejja ta' Jason Mamo, specifikament biex jaraw jekk kienx hemm xi persuni ohra involuti fl-abbuz sesswali ta' Tecoda Mamo. Skond ix-xhud, Mulligan spjega li minkejja li gew ingaggati sabiex jaghmlu ix-xoghol fuq imsemmi, kienet hadet hsieb dan ix-xoghol Grace Gatt. Ikkonferma li kien prezenti ghat-tehid tal-istqarrijiet, ikkonferma li kienet prezenti anke Dr. Julienne Galea u li dan sar fl-ufficju tan-Naxxar u Grace Gatt accettat pagament ta' Lm750. Mulligan ikkonferma wkoll li kien assista lil Mandy Mamo taghmel rapport ta` stupru gewwa

Haz-Zebbug li effettivament gie rtirat u li kien hu li ghadda l-affidavits tal-minuri lill-ispettur Jesmond J Borg gewwa l-ghassa ta' Haz-Zebbug.

Ix-xhud temm billi kkonferma li l-pulizija imbaghad kellha bizzejjed provi sabiex tmexxi kawza kriminali kontra Dylan Mamo fejn gie akkuzat li fiz-zewg okkazzjonijiet kien abbuza lil Tecoda Mamo u kien gie mressaq quddiem il-Magistrat Anthony Vella u misjub hati fuq ammissjoni tieghu stess. Proceduri separati rigwardanti Shawn Alfred Mamo kienu ghadhom pendenti stante li kien ghad baqalu jixhed fil-kawza “Il-Pulizija vs. Jason Mamo”.

Xehdet Carmen Azzopardi (ara folio 50) li kkonfermat li hija tiehu hsieb is-sezzjoni legali ta' l-Awtorita' tad-Djar u kkonfermat li Grace Gatt qatt ma kienet impjegata mal-Awtorita'.

Xehed l-Ispettur Jesmond J Borg fit-18 ta' Mejju 2009 (ara folio 52) fejn spjega li nhar is-16 ta' Novembru 2007 ghall-habta ta' 16:00 gie nfurmat mill-pulizija ta' l-ghassa ta' Hal-Qormi li kien hemm tfajla ta' 16 il-sena flimkien ma ommha li riedet taghmel rapport dwar abbuz sesswali. It-tifla Mandy Mifsud ta' 16 il-sena flimkien ma ommha Rita Mifsud u Jonathan Mulligan telghu l-ghassa ta' Haz-Zebbug. L-ispettur staqsa fuq l-involviment ta' Jonathan Mulligan fejn dan spjega li kien habib kbir tal-familja u kellu hafna informazzjoni fuq il-kwistjoni. L-ispettur insista li tittiehed ix-xhieda ta' Mandy Mifsud quddiem ommha pero talab lill-Mulligan johrog mill-kamra u jezebixxi l-informazzjoni li ghandu aktar tard. Mandy Mifsud qaltlu li kienet giet abbuzata sesswalment minn certu Dylan Mamo li dak iz-zmien kellu 18 il-sena kontra il-volonta taghha. Ix-xhud irrimarka li tul l-istqarrija, Mandy Mifsud qisha bdiet tahseb x'ser tghid u mhux bhal bniedem normali titkellem u twiegeb b'mod spontanju. Mitluba ghal aktar dettalji fuq Dylan Mamo, Mandy Mifsud qalet lill-ispettur illi Dylan Mamo kien qed jigi investigat mill-pulizija minhabba li kien involut f'rapporti sesswali fuq certu Tekonda, tifla ta' 7 snin.

Meta x-xhud staqsa ghal aktar dettalji, Mandy Mifsud sostniet li l-ispettur Raymond Aquilina kien ha passi kontra missier Tekoda li jismu Jason u li fil-verita' ma kienx Jason li abbuza mit-tifla tieghu izda kien Dylan. Meta ra din it-tahwida, l-ispettur taghha il-Caution sabiex ma tinkriminax ruhha, u fl-istess hin ghamel kuntatt mal-ispettur Aquilina. L-ispettur Aquilina tah struzzjonijiet sabiex ikompli bl-investigazzjoni peress li kien fuq xi xoghol iehor u ftehemu li jghaddilu l-informazzjoni fi stadju aktar tard. Meta inghatat il-Caution u fehmu is-sitwazzjoni u ir-riperkussjonijiet tar-rapport, Mandy Mifsud qisha marret lura mir-rapport ta' abbuz sesswali u spjegat li mhux darba jew tnejn kellha relazzjoni ma Dylan Mamo pero r-relazzjoni kienet bil-kunsens taghha. Spjegat ukoll li gieli sawwatha pero ma kienx minnu li abbuza minnha kontra l-volonta taghha. Meta giet mistqosija wkoll min kien Jonathan Mulligan u kif jigi minnhom, hija wiegbet u spjegat li ma jigi xejn minnhom. Kull ma kienet taf fuq Mulligan kien li dan kien private investigator u kien qabbdu Jason Mamo li jigi hu Dylan Mamo u kien hu li ta direzzjoni biex jaghmlu r-rapporti, tant li anke Affidavits kienu saru. Mandy Mifsud spjegat li l-affidavit kien sar biex jispjega dak li dahlet tirraporta u cioe li kien Dylan Mamo li abbuza minn Tekoda u mhux Jason Mamo. Mandy Mifsud spjegatlu wkoll li l-affidavit kien sar meta kienet miggielda ma Dylan u sostniet li giet imgieghla taghmel l-affidavit filwaqt li hija ma tkellmitx.

Skond ix-xhud, kopja ta' l-affidavit gie muri lilu pero meta beda jaqrah Mandy Mifsud immedjatament hatfitu u qalet li ma xtaqitx tipprezentah, u kkonfermat li l-original tal-istess affidavit kien ghand Jonathan Mulligan. Mandy Mifsud innegat dak li kien hemm imnizzel fl-affidavit u sostniet li wara kollox ma xtaqitx taghmel rapport ta' abbuz sesswali izda biss ghall-fatt li Dylan Mamo sawwatha, tant li r-rapport fuq swat sar jumejn wara ma PS403 James Grech. Ix-xhud ikkonferma wkoll li eventwalment kien xehed fuq l-istess fatti quddiem il-Magistrat Padovani Grima fir-rigward tal-kawza kontra Jason Mamo u quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli fil-kaz kontra Jonathan Mulligan.

Ix-xhud zied jghid li wara li kellem lil Mandy Mifsud u lill-ommha, kellem ukoll lil Jonathan Mulligan fejn dan baqa jinsisti fuq ir-rapport a bazi tal-affidavits u fuq il-fatt li t-tifla giet abbuzata minn Dylan u mhux minn Jason Mamo. Jonathan Mulligan ghadda

zewg affidavits lix-xhud pero l-affidavit ta' Mandy Mifsud ma giex mghoddi ghax xtaqet tirtirah. Ix-xhud informa lill-individwi li kien ser jghaddi l-affidavits lill-Ispettur Raymond Aquilina ghal investigazzjonijiet ulterjuri.

Xehdet WPS209 Rachel Caruana fit-18 ta' Mejju 2009 (ara folio 60) fejn spjegat li fuq struzzjonijiet ta' l-ispettur Raymond Aquilina, fis-27 ta' Novembru 2007 hija flimkien ma WPC238 Monica Bartolo kienu marru gewwa residenza ta' certu Grace Gatt, gewwa “Oriana”, Triq Leli Falzon, Naxxar sabiex jelevaw kull oggett li seta' kien relatat ma' private investigation u l-kaz ta' Jason Mamo u Tekoda Mamo. Gew elevati computer tower, zewg laptops, digital camera u xi karti relatati mal-kaz ta' Jason Mamo. Ikkonfermat li meta saret it-tfittxija kienet giet infurmata mill-ispettur Raymond Aquilina li kellhom mandat ta' tfittxija verbali, u wara nghatat kopja tal-mandati ffirmati.

Xehed PS266 Stefan Decelis stazzjonat Cybercrime Unit (ara folio 66) fejn spjega li kien gie inkarigat mill-ispettur Raymond Aquilina sabiex janalizza xi apparat elettroniku. Gew analizzati 5 kompjuters u 6 DVDs. L-ezitu kien li fil-kompjuters ma gie identifikat xejn relatat mal-kaz, waqt li kien hemm zewg DVDs li gew meqjusa bhala relevanti. Ix-xhud ezebixxa rapport immarkat Dokument numru 15. F’depozizzjoni sussegwenti (ara folio 281) ix-xhud ikkonferma li fid-29 ta' Novembru 2007 l-ispettur Raymond Aquilina kien talab ghall-assistenza tieghu sabiex janalizzaw data minn diversi apparat elettroniku li kien gie elevat waqt l-investigazzjoni. Ix-xhud ikkonferma li kienu hames laptops u sitt DVDs. Rapport bil-konkluzzjonijiet gie pprezentat a folio 285.

Xehdet il-Maggur 24 Josephine Gauci fit-2 ta' Lulju 2009 (ara folio 76) fejn spjegat li madwar sentejn qabel kienet intbaghatet mill-ispettur Raymond Aquilina sabiex tkellem lil certu Rita Mamo gewwa l-Marsa, fejn tal-ahhar kienet qaltilha li kienet marret ghandha certu Grace Gatt u qalet li tahdem mal-awtorita' tad-djar tant li halliet dokument li gie ezebit u mmarkat dokument 16. Sostniet li skond Rita Mamo, Grace Gatt bdiet iddur ir-residenza u tiehu r-ritratti u sostniet li dan minhabba li kienet qed issir spezzjoni ghax id-dar kienet zghira peress li kellha hamest itfal. Skond ix-xhud

Grace Gatt sostniet li d-dokument li halliet kien applikazzjoni sabiex tirranga d-dar u tirranga il-kamra tal-banju.

Xehed PS1229 Antoine Cilia (ara folio 100A) fejn ikkonferma li huwa kien gie nfurmat mill-Ispettur Aquilina f'Novembru ta' 2007 li l-kaz kien jinvolvi lil certu Tekoda Mamo minuri li kienet giet abbuzata minn missierha fejn l-Ispettur semma li kienet cemplitlu certu Grace Gatt ghan-nom ta' Jonathan Mulligan rigward zewg affidavits ta' Sean u Dylan Mamo li jiehdu il-kolpa tar-reat fuq Tekoda huma minflok Jason Mamo. Ikkonferma li kienu gabru affidavits ta' Sean u Dylan Mamo minghand l-ispettur Jesmond Borg tal-Ghassa ta' Haz-Zebbug. Wara li ra dawn l-affidavits kienu baghatu ghal Sean u Dylan Mamo. Dylan Mamo baqa jinsisti li kien verament hu li mess lil Tekoda waqt li Sean semma li kien mghejjun minn certu Grace Gatt biex jaghmel l-affidavit ghax qalulu li peress li kien ghadu zghir hu ma kienx ser jehel piena ta' habs. L-ispettur Aquilina mbaghad baghat lix-xhud sabiex jarresta lil certu Jonathan Mulligan. Fis-27 ta' Novembru 2007 kien sar search u kienu gew elevati diversi DVDs u CDs li gew mghoddija lill-pulizija tac-Cybercrime Unit. Kienu talbu kopji ta' zewg filmati, wiehed fejn jidherDylan Mamo jirrilaxxja stqarrija li mill-vuci ix-xhud gharaf li kien quddiem Grace Gatt, waqt li t-tieni filmat dehret Grace Gatt dahlet fir-residenza ta' omm Tekoda Mamo, fejn ghamlitha ta' rapprezentanta ta' l-Awtorita' tad-Djar u weghdet li ser tirrangalhom il-kamra tal-banju.

Gew ezebiti l-affidavits in kwistjoni ta' Sean Alfred Mamo a folios 103 u 140 u ta' Dylan Mamo a folios 105 u 138.

Xehed l-espert Martin Bajjada (ara folio 118) fejn ikkonferma li kien gie awtorizzat johorg l-informazzjoni minn fuq Cellulari u pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala dokument numru 19.

Gie ezebit rapport tal-espert tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco (ara folio 146) wara ezamijiet illi huwa kien ghamel fuq sitt (6) DVDs li gew mghoddija lilu minn minn PS266 Stefan Decelis.

Xehdet Vanessa Mamo fil-5 ta' April 2011 (ara folio 177) fejn spjegat li huha Jason Mamo kien il-habs u sostniet li kienet certa li kien innocenti u ma ghamilx l-affarijiet lit-tifla tieghu, u ghalhekk ix-xhud riedet tkun taf aktar x'gara u ghalhekk qabdet private investigator bl-isem ta` Jonathan Mulligan kif wkoll lil Grace Gatt. Spjegat li wara dan, Dylan u Sean Mamo kienu tkellmu ma Jonathan u dan staqsa jekk dak li qaghlu kienx minnu u jekk kienux lesti li jaghmluh f'affidavit. Il-laqghat inizzjalment kienu saru it-Trade Fair Grounds in-Naxxar fuq barra, u sussegwentement kienu saru xi zewg meetings gewwa l-ufficcju.

Spjegat li sussegwentement Jonathan kien idderiga lil Dylan u lil Sean Mamo sabiex imorru ghand nutara, tant li x-xhud marret maghhom. Sostniet li inizzjalment dahal Dylan flimkien ma Jonathan u n-nutara u wara dahlet hija ma Sean man-nutara. In-nutar kien kunjoma Arapa u l-ufficju kien Hal-Qormi.

Ix-xhud spjegat li kien sar meeting gewwa l-ufficcju fiz-zona tat-Trade Fair Grounds, fin-Naxxar fejn kien hemm prezenti Sean, Dylan, Jonathan Mulligan, Grace Gatt u Juliette Galea li kienet l-avukata ta' Jason Mamo. Sostniet li hija inizzjalment kienet prezenti fil-meeting pero meta Sean beda jghid certu diskors sesswali ma hassux komdu quddiemha u ghalhekk harget il-barra u ma tafx x'kien is-suggett ta' l-istess laqgha. Skond ma kienet giet infurmata x-xhud, Sean u Dylan bdew jghidu lil Grace u lil Juliette x'kien gara ma Tekoda u sostniet li dawn gew irrekordjati. Wara dan, minn hemmhekk hija tghid li marru sabiex jghamlu l-affidavits. Ix-xhud spjegat li ta' dan ix-xoghol kollu bil-private investigator hija kienet hallset is-somma ta' xi Lm700 lil Grace Gatt tas-servizzi li taw hija u Jonathan Mulligan.

Xehed PS443 Vincent Mifsud, stazzjonat l-ufficcju tal-licenzji, nhar l-4 ta' Novembru 2011 (ara folio 200) fejn ikkonferma li Grace Gatt kienet ghamlet applikazzjoni ghal licenzja ta` gwardjan privat f'Gunju 2007 pero din giet rifjutata fit-2 ta' Awwissu 2007 u ma sar xejn wara dak. Kopja tar-*refusal* giet ipprezentata u tinsab a folio 206.

Xehed Shawn Alfred Mamo fit-23 ta' Lulju 2014 (ara folio 272) u spjega li huwa kien iltaqa ma Jonathan Mulligan gewwa in-Naxxar u kien qallu li kien baghbas lit-tifla u il-parir ta' Jonathan Mulligan kien li qallu sabiex ilaqqghu ma Grace Gatt minhabba li Jonathan Mulligan sostna li kienet tifhem aktar. Wara dan ix-xhud kien iltaqa ma Grace Gatt gewwa it-trade fair grounds tan-Naxxar u kienet saqsietu jekk hux lest li jaghmel affidavit fejn huwa kkonferma li kien lest. Wara dan Grace Gatt kienet haditu sabiex jaghmel affidavit fejn informatu wkoll li kien hemm possibilita li jinfethu proceduri il-qorti fejn hu sostna li kien jaf kif effettivament gara. Ix-xhud sostna li kienet ommu Vanessa Joan Mamo li kienet laqqatu ma Jonathan Mulligan. Sostna li ommu qabdet lil Grace Gatt bhala il-private investigator minhabba il-kaz li kellu Jason Mamo, pero in ri-ezami kkonferma li ommu kienet effettivament qabdet lil Jonathan Mulligan bhala il-private investigator u kien hu li laqqaghhom ma Grace Gatt.

Xehed ukoll Jonathan Mulligan fil-4 ta' Novembru 2014 (ara folio 339) fejn stqarr illi kellu kumpanija bl-isem Malta Personal Services li kienet taghti servizzi ta' security investigation u Grace Gatt kienet impjegata tal-istess tahdem bhala Public Relations Officer. Ix-xhud ikkonferma li hu kellu licenzja sabiex jaghmel dan it-tip ta' xoghol pero fir-rigward ta' Grace Gatt ma deherlux li kellha. Spjega li l-kaz kienet gabitu Grace Gatt u kkonferma li kien fir-rigward ta' abbuz li kien sar fuq minorenni u li kienu saru xi affidavits quddiem in-nutar Arapa. Ix-xhud ikkonferma li l-individwi li kienu involuti fil-kaz kienu Grace Gatt li mexxiet il-kaz minn naha tal-kumpanija, Dylan Mamo, ommu u Shawn Mamo. Ix-xhud spjega li l-kaz kien rigward offizi ta' natura sesswali kommessi minn Dylan u Shawn Mamo u l-motiv tal-investigazzjoni kien li jsir ir-rapport. Sostna li hu ma kienx jaf x'qiegħed jigri sa ma gie arrestat u investigat fuq il-kaz, tant li meta sar jaf waqqaf il-licenzja u ma kompliex jaghmel dan it-tip ta' xoghol. Ix-xhud ikkonferma wkoll li Grace Gatt kienet dahlet gewwa r-residenza ta' Jason Mamo fejn kienu jirrisjedu Shawn u Dylan Mamo. Ix-xhud sostna li minkejja li l-ircevuti ghall-pagamenti inhargu mill-VAT book tal-kumpanija, dan kienet ghamlitu Grace Gatt ghaliex hi kellha il-ktieb tal-ircevuti.

Ix-xhud ikkonferma li Mandy Mifsud kienet marret l-Ghassa taghmel rapport minhabba li Dylan Mamo kien sawwatha u abbuza minna sesswalment. Gara li skond ix-xhud

Mandy Mifsud sahansittra marret inizzjalment ghand il-gynae ma Grace Gatt pero dawn ma riedux jinvistawha minghajr rapport tal-pulizija. Wara dan ir-rapport, il-pulizija investigaw lix-xhud li minn naha tieghu ezebixxa l-affidavits li kellu f'idejh. Ix-xhud ikkonferma li b'kollox kienu saru tlett affidavits u sostna li huwa ma kienx prezenti waqt it-tehid tal-affidavits pero kien jaf li kienu qed isiru.

Il-prosekuzzjoni ipprezentat kopja tas-sentenzi fil-kawzi fl-ismijiet “Il-Pulizija vs. Jonathan Mulligan” datata 2/11/2012 (aar folio 365), “Il-Pulizija vs. Sean Alfred Mamo” datata 18/1/2013 (ara folio 380), “Il-Pulizija vs. Giselle Dalli” datata 7/11/2012 (ara folio 384), “Il-Pulizija vs. Dillon Mamo” datata 20/12/2007 (ara folio 386), u “Il-Pulizija vs. Jason Mamo” datata 20/10/2017 (ara folio 404).

Dan hu bazikament dak li rrizulta f’dan il-kaz.

Ikkunsidrat.

Illi l-Qorti qieset funditus dak kollu rizultanti f’dan il-procediment u wara ezami fid-dettal tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta (Mag. Dr. Audrey Demicoli), fit-2 ta` Novembru 2012, fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Jonathan Mulligan”, din il-Qorti tiddikjara li taqbel mal-insenjamenti ta` dik l-istess Qorti msemmija u, a skans ta` ripetizzjoni, qed taghmel taghha tali insenjamenti.

Bhala konsegwenza allura, l-imputata giet passabbli ghall-imputazzjonijiet bin-numru (2), (4) u (5); filwaqt li mhumiex sostenibbli skond il-ligi l-imputazzjonijiet bin-numru (1), (3) u (6).

**Decide;**

**Għall-motivi premessi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 42(a)(e), 43, 44, 45, 46, 47, 48, 48A, 84, 110(1), 338(gg) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, u l-Artikoli 3, 6, 14, 22(2) u 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lill-imputata Grace Gatt mhux ħatja tal-imputazzjonijiet bin-numri (1), (3) u (6), u minnhom tilliberaha skond il-Liġi; izda ssibha u tiddikjaraha ħatja tal-imputazzjonijiet bin-numri (2), (4), u (5) u tikkundannaha komplessivament għall-piena ta` priġunerija ta` ħames (5) xhur sospizi għall-sentejn bis-saħħa ta` l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u għall-ħlas ta` multa fis-somma ta` €1,500.**

Ian Farrugia

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur